Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8833 — Alps/Alpine)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 155/09)

1. Fil-25 ta' April 2018, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Alps Electric Co., Ltd ("Alps", il-Ġappun),

— Alpine Electronics, Inc. ("Alpine", il-Ġappun).

Alps takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' Alpine kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Alps: l-iżvilupp, il-manifattura u l-bejgħ ta' firxa wiesgħa ta' komponenti elettroniċi użati f'varjetà ta' applikazzjonijiet bħall-karozzi, id-dar, il-kura tas-saħħa, l-enerġija, u l-applikazzjonijiet tal-IT,

— Alpine: l-iżvilupp, il-manifattura u l-bejgħ ta' karozzi tas-sistemi ta' inforikreazzjoni (imkluži l-komponenti kostitwenti tagħhha għas-sistemi tan-navigazzjoni tal-karozzi, tal-awdjo u viżwali), sistemi tal-ħoss tal-karozzi, sistemi ta' assistenza u applikazzjonijiet tal-informazzjoni u tat-telekomunikazzjoni għall-karozzi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.8833 — Alps/Alpine

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.